



II-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej  
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 89/09**  
II-Lussemburgo, 7 ta' Ottubru 2009

Stampa u Informazzjoni

## **VASSILIOS SKOURIS JERĠA' JIĠI ELETT PRESIDENT TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

Wara s-sostituzzjoni parpjali tal-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja<sup>1</sup>, Vassilios Skouris, li ilu President tal-istituzzjoni mis-7 ta' Ottubru 2003, reġa' ġie elett President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2009 u s-6 ta' Ottubru 2012.

Skont I-Artikolu 7 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja: "Minnufih wara s-sostituzzjoni parpjali prevista mill-Artikoli 223 tat-Trattat KE u 139 tat-Trattat KEEA, l-Imħallfin għandhom jeleġġu wieħed minn fosthom bħala I-President tal-Qorti għal terminu ta' tliet snin".

### **Vassilios Skouris**

Imwiedel fl-1948; gradwat fil-Liġi mill-Università libera ta' Berlin (1970); irċieva d-Dottorat fid-Dritt Kostituzzjonal u Amministrattiv fl-Università ta' Amburgo (1973); Assistent Professur fl-Università ta' Amburgo (1972-1977); Professur fid-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Bielefeld (1978); Professur tad-Dritt Pubbliku fl-Università ta' Tessaloniki (1982); Ministru tal-Affarijiet Interni (fl-1989 u fl-1996); membru tal-Kumitat Amministrattiv fl-Università ta' Kreta (1983-1987); Direttur taċ-Ċentru tad-Dritt Ekonomiku Internazzjonali u Ewropew ta' Tessaloniki (1997-2005); President tal-Assoċjazzjoni Griega għad-Dritt Ewropew (1992-1994); membru tal-Kumitat tar-Riċerka Nazzjonali Griega (1993-1995); membru tal-Kumitat Superjuri għas-selezzjoni tal-impiegati għas-servizz pubbliku Grieg (1994-1996); membru tal-Kunsill Xjentifiku tal-Akkademja tad-Dritt Ewropew ta' Trier (mill-1995); membru tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kulleġġ Nazzjonali Grieg tal-Maġistratura (1995-1996); membru tal-Kunsill Xjentifiku tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin (1997-1999); President tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali Grieg fl-1998; Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-8 ta' Ġunju 1999; President tal-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2003.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell (+352) 4303 3355*

---

<sup>1</sup> Ara l-istqarrija għall-istampa Nru [88/09](#) tas-6 ta' Ottubru 2009.